**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**(Spettur Luke Bonello)**

**Vs**

**Joseph Anthony Cini**
**Omissis**
**Alfred Mazzitelli**

Kump Nru: 395/2012

Illum 9 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Anthony Cini**, ta' 42 sena, 18570 (M) u **Omissis**, u l-imputat **Alfred Mazzitelli** ta' 50 sena 185262(M).

1. U nakkuzaw lil Joseph Anthony Cini u lil Omissis li nhar id-9 ta' April 2012 bejn is-6am u 7am gewwa 'Gochi Sushi' restaurant

sitwat fi' Triq San Gorg, San Giljan, ikkomettejtu serq, ikwalifikat bil-valur u bil-mezz, ta' flus kontanti, kif ukoll safe u cash register ghad dannu ta' Mitsuhiro Sakamoto u dan bi ksur tal- Kap 9 Art 261(b)(c) tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U nakkuzaw lil Joseph Anthony Cini u lil Omissis li fl-istess data lok u hin ikkagunaw hsara volontarja, hassru jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tisskorri l-164.69 Ewro pero' ma jiskorrix l-1116.47 Ewro ghad dannu ta' Mitsuhiro Sakamoto u dan bi ksur ta' l-Kap 9 Art 325(1) (b) tal-ligijiet ta' Malta.

3. U nakkuzaw lil-Joseph Anthony Cini talli fit-13 ta' April 2012 u fil-granet ta' qabel zamm f'xi fond jew kellhu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra min xi fond jew fid-dintorni taghha xi arma tan-nar minghajr ma kellhu il-licenzja neccessarja.

4. U nakkuzaw lil Alfred Mazzitelli talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici fid-delitt maghmul minn Joseph Anthony Cini u Omissis meta xjentement, ghenhom jew assistihom sabiex id-delitt kien gie ippreparat jew ikkunsmat; jew xewwiexhom, inkella sahhah il-volonta taghhom sabiex jaghmlu d-delitt, jew weghdhom li wara l-fatt jassistihom, jieqaf maghhom jew jikkompensahhom.

5. U nakkuza lil-Alfred Mazzitelli talli fic-cirkustanzi u hinijiet imsemmija kif ukoll fil-granet ta' qabel bhala ufficjal pubbliku, ikkommetta reati li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi milli jsiru u dan bi ksur ta' Kap 9 Art 141.

6. Il-Qorti hija gentilment mitluba, li f'kaz ta' htija tikkunsidra lil-Joseph Anthony Cini bhala recediv ai termini ta' artikoli 49 u 50

tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Il-Qorti hija gentilment mitluba, li f'kaz ta' htija tikkunsidra lil Omissis bhala recediv ai termini ta' artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. Fil-kaz ta' htija il-Qorti hija gentilment mitluba li tordna il-konfiska tal-korpus delicti.

9. Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkundanna lil hatja u lil hatjin ilkoll flimkien insolidum jew kull wiehed ghalih ghal hlas ir-registratur tal-ispejjes kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti ta' proceduri, inkluz dawk tal-esperti li kienu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta Art 533 (1) tal-Kap 9.

Rat l-artikoli indikati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha l-imputati intbaghatu sabiex il-kaz taghhom jigi deciz minn din il-Qorti u li huma ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi hekk deciz.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha inkluz in-noti ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-imputat Alfred Mazzitelli.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi jirrizulta li kmieni filghodu tad-9 ta' April 2012, il-Pulizija gew infurmati minn certu Marco Caruana[1] li kien hemm sgass

[1] li ghandu hanut biswit il-hanut inkwistjoni.

gewwa l-istabiliment Gochi Sushi f'San Giljan billi ra l-bieb tal-hanut miftuh. Ufficjali tal-Pulizija rrikorrew fuq il-post u sabu hafna taqlib[2]. Ps 928 Ramon Mifsud Grech xehed li mill-investigazzjoni preliminari rrizulta li min kien dahal fil-hanut kien ghamel dan billi tela' fuq il-bejt baxx sular tal-hanut, kisser bieb tal-aluminium u hemmhekk kien hemm l-access ghall-hanut. B'hekk gie indurmat l-Ispettur u infethet Inkjesta Magisterjali fejn gew nominati diversi esperti.

**Mitsuhiro Sakamoto[3],** is-sid tal-hanut, xehed li huwa kien vaganza fl-Awstralja meta rcieva telefonata mill-Manager tal-hanut, Masako Hirota, li kien insterqulu l-flus izda zewg persuni kienu nqabdu. Huwa rritorna Malta xi tlett/erbat ijiem wara u mar l-ghassa. Hija kienet qaltlu li kienu nsterqu madwar €14,000. Bhala hsara li giet ikkagunata kienet madwar €500/€1,000. Sewwew huma stess. Meta kien imsiefer il-flus inzammu taht l-ixkaffa fil-kcina f'safe li kien ibboltjat u kellu PIN number. Huwa spjega li solitament meta jkun Malta l-flus tal-gurnata jehodhom id-dar mieghu. Qal ukoll li l-imputat Alfred Mazzitelli kien assistent fil-management. Mistoqsi min kelli access ghas-safe rrisponda li Masako biss. Huwa qal li fir-restaurant kellu 4 cameras imma mhux alarm. In kontro-ezami wiegeb li huwa kien ilu msiefer madwar gimghatejn/tlieta u ghalhekk dak kolli li jaf inkwantu ghall-flus li allegatament insterqu jafhom tramite dak li intqal lilu mill-manager. Inkwantu ghall-imputat Alfred Mazzitelli x-xhud qal li huwa qatt ma kellu x'jaqsam mal-flus kontanti u lanqas seta' jiftah is-safe. Il-PIN kien maghruf biss mix-xhud u minn Masako u x-xhud qal li kien ibiddel il-PIN kontinwament. Qabel siefer is-safe kien ilu li gie installat madwar xahrejn/tlett xhur. Inkwantu ghall-ammont misruq huwa spjega wkoll li seta' jasal ghall-ammont meta jqis id-dhul li kull gurnata approssivament ikollu.

**Masako Hirota[4],** Manager fil-Gochi Sushi, xehdet li kien it-Tnejn wara l-Ghid meta hija rceviet telefonata minghand l-imputat Alfred Mazzitelli li l-hanut kien insteraq u li l-kaxxa tal-flus li kienet fil-kcina kienet ghosfrot. Imbaghad gew il-Pulizija u flimkien mal-pulizija u l-imputat Mazzitelli raw il-filmat. Billi s-sid tal-hanut kien imsiefer f'dak il-perjodu l-flus kienu responsabilita' taghha. Inkwantu ghall-ammont ta' flus li kien hemm fil-kaxxa tghid li zgur kien hemm

---

[2] Xhieda ta' PS 928 Ramon Mifsud Grech u ta' Ps 781 Anthony Zammit

[3] xehed fis-seduti tal-14 ta' Mejju 2012 u tat-12 ta' Jannar 2015

[4] xehdet fl-14 ta' Mejju 2012 u fit-12 ta' Jannar 2015

€10,000. Hija tahseb bejn €12,000/€14,000. Tghid li t-Tnejn mhux soltu jifthu. Hija kienet ghalqet il-hanut madwar l-4.00a.m. u kienet ikkalkulat kemm kien sar bejgh. Minhabba li kien l-Ghid u kien il-Hadd ma setghetx tpoggi l-flus f'Bank. Inkwantu ghall-filmat li rat tghid li hija ma kinitx taf lil min deher fih izda hija rrikonoxxiet fl-Awla lill-imputat Joseph Anthony Cini bhala l-persuna li jidher fil-filmat. In kontro-ezami tghid li dan is-safe seta' jidher minn persuni li jidhlu jixtru u li kienet hija u s-sid tal-hanut li kellhom kontroll tal-istess. L-impjegati li kollha kienu jafu b'dan is-safe la kienu jafu l-PIN u lanqas kemm kien hemm flus fih izda tghid li gieli kienu jitkellmu fuq il-bejgh u mal-imputat Alfred Mazzitelli gieli tkellmet fuq hekk.

**Ps 928 Ramon Mifsud Grech** xehed ukoll li wara xi jiem li l-pulizija giet infurmata bis-serqa, gew elevati xi footages mill-istess restauarant fejn kienu jidhru zewg persuni. Minn investigazzjoni li ghamel skopra li wiehed minn dawn il-persuni kien Joseph Anthony Cini li gie arrestat u saritlu tfittxija fid-dar u kienu gew elevati xi armi u mwies. It-tieni darba li marru f'daru l-imputat Cini tahom xi haga tal-flus li kieneu fil-pussess tieghu li gew mghoddija lill-Ispettur. Dawn il-flus t minn

**Wps 125 Christabelle Mallia** xehdet[5] li l-imputat Cini ghandu registrat fuq ismu shotgun Luigi Franchi bin-numru P25847.

**L-Ispettur Luke Bonello**[6] xehed li fid-9 ta' April 2012 kienet sehhet serqa minn gewwa Gochi Sushi Restaurant fejn kien qieghed jassisti lill-Ispettur Godwin Scerri fl-investigazzjonijiet. Kien gie allegat li nsterqu madwar ghaxart elef ewro fi flus kontanti f'safe. Minn investigazzjonijiet li saru fuq il-post kien hemm CCTV gewwa l-hanut kienu gew identifikati li s-serqa kienet twettqet minn tnejn min-nies li kienu gew identifikati wiehed minnhom ikun Joseph Anthony Cini, Huwa kien involut fl-istqarrija ta' Alfred Mazzitelli billi kien issemma li kien il-persuna li kien qal lill-imputat Cini li kien hemm il-flus fis-safe u li s-sid kien imsiefer. Inoltre' rrizultalhom li dakinhar tas-serqa l-imputat Mazzitelli kien ghamel komunikazzjoni mas-sur Cini biex jistaqsi jekk kollox kien ok.

---

[5] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015

[6] Seduta tas-16 ta' Marzu 2015

**L-Ispettur Godwin Scerri**[7] xehed fuq l-istess binarju tal-Ispettur Luke Bonello. Huwa qal li mar fuq il-post u gie nnutat li d-dhul gor-restaurant kien sar permezz li l-ewwel ingab l-access ghal fuq il-bejt imbaghad gie mkisser bieb tal-aluminium u dahlu gewwa minn tarag tal-bejt u spiccaw gol-hanut. Masako Hirota qalet li kien insterqilhom s-safe tal-hanut li kien jintrabat taht mejda gol-kcina fejn gie maqlugh u l-flus kollha tas-safe kienu neqsin. Infethet Inkjesta Magisterjali. Ir-restaurant kien mghammar b'CCTV u fil-fatt meta dawn intwerew irrizulta li s-serqa saret bejn is-06:00a.m u s-07:00a.m u saret minn zewg persuni li fil-bidu kienu mghammda izda mal-hin wicchom jidher u huwa jaghraf lill-imputat Cini. Waqt li bdew jaraw ic-CCTV kien hemm hdejh Alfred Mazzitelli li qallu li ma kien jaf lill-ebda wiehed minnhom. Ittiehdet l-istqarrija ta' Cini. Minn informazzjoni ohra u minn informazzjoni anonima inholoq ness bejn Cini u Mazzitelli. Inhareg mandat ta' arrest fil-konfront ta' Mazzitelli u ttiehditlu stqarrija.

**L-Imputat Alfred Mazzitelli** xehed[8] li huwa qatt ma kien iltaqa' mal-Omissis qabel dawn il-proceduri. Huwa spjega li huwa kien jahdem fir-restaurant inkwistjoni u li meta kien iltaqa' mal-imputat Cini, li kien jafu mill-grawnd, meta tkellem dwar ix-xoghol l-intenzjoni qatt ma kienet li titwettaq serqa. Izda l-iskop tal-konversazzjoni kien billi huwa esprima x-xewqa li jiftah hanut tas-sushi ghal rasu u billi kien jaf li Cini kellu negozju tal-ikel staqsieh jekk kellux ghodda li jista' jixtri. Infatti ftit wara dan l-akkadut huwa fetah il-hanut tieghu. Filwaqt li kien minnu li semmilu l-bejgh li kien isir mill-hanut dan kien ghamlu fl-ambitu tal-konversazzjoni li huwa xtaq jiftah hanut ghal rasu. Is-safe kien imwahhal f'post li kien facilment vizibbli ghall-klijenti tal-hanut. Qal ukoll li d-decoder tac-CCTV kien ikun facli li jinqala'. Hua jichad li seta' kien hemm komunikazzjoni mal-imputat Cini waqt il-hin tas-serqa. Inoltre' huwa qal ukoll li kellu fil-pussess tieghu c-cavetta tal-hanut u ghalhekk seta' jidhol fi kwalunkwe hin.

## Ikkunsidrat

[7] Seduta tas-16 ta' Marzu 2015
[8] Seduta tat-13 ta' Gunju 2016

Illi f'dawn il-proceduri gew ezebiti l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati[9]. Minn tali stqarrijiet jirrizulta li l-imputati kienu inghataw id-dritt li jikkonsultaw ma' avukat tal-ghazla taghhom qabel l-interrogatorju u t-tlieta li huma ezercitaw dan id-dritt. Biss pero', anki ghaliex f'dak iz-zmien fil-ligi ma kienx jezisti d-dritt li imputat seta' jaghzel li jkollu avukat tal-ghazla tieghu waqt l-interrogatorju, ebda wiehed mill-imputati ma kellu avukat waqt li kienet qeghda tittiehed l-istqarrija rispettiva tieghu.

Ghalhekk f'dan l-istadju jehtieg li jigi rilevat li inkwantu ghall-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati, din il-Qorti tqis li ghandhom jigu skartati u dan peress li l-imputati ma kienux assistiti minn avukat waqt l-interrogatorju. Dan abbazi ta' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018; kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deciza fl-20 ta' Novembru 2018.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar ix-xhieda tal-imputat Alfred Mazzitelli huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li dak li jghid ko-akkuzat ma jista la jibbenefika u lanqas jippregudika ko-akkuzat iehor[10]. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha opportunita ticcara d-differenza bejn ix-xhieda ta' komplici u x-xhieda ta' koakkuzat anke b'referenza ghal diversi sentenzi ohra mghotija mill-Qrati taghna. Dik il-Qorti qalet hekk:

> *ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) ... tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici, ... r-regola l-ohra (hi) li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-koakkuzat*

[9] Dok GS 1 sa GS 5 a fol 100 et sequitur.
[10] Ref Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et Appell Kriminali deciz 07.04.1992.

*isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz.* [11]

Illi konformament ma' dawn il-principji din il-Qorti tista' tqies dak li jghid kull wiehed mill-imputati bhala prova fil-konfront tieghu biss u mhux fil-konfront tal-imputati l-ohra ukoll.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Zewgt Imputazzjonijiet**

Illi inkwantu ghall-imputat Joseph Anthony Cini jirrizulta ampjament ippruvat li wettaq is-serqa inkwistjoni li kienet ikkwalifikata bi sgass u bil-valur li jeccedi l-€2,329.37. Dan jirrizulta mill-filmat mehud mic-CCTV u mill-istills in atti. Oltre' dan mir-rapport tal-espert Joseph Mallia[12] wara li ezamina l-lifters li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt mis-Scene of Crime Officers u wettaq l-ezami komparattiv mal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-imputati jirrizulta s-segwenti:

*"4. Illi t-tielet (3) u r-raba' (4) impronti li gew zviluppati u elevati permezz tal-lifter dokument 12 BBA 302, gew ikkomparati pozittivament u ghalhekk huma identici mal-marka tas-saba' tan-nofs tal-id ix-xellugija ta' Joseph Cini, detentur tal-karta tal-identita' numru 18570(M).*

*5.Illi t-tielet (3) u r-raba' (4) impronti li gew zviluppati u elevati permezz tal-lifter dokument 12 BBA 303, gew ikkomparati pozittivament u ghalhekk huma identici mal-marka tas-saba' l-werrej tal-id ix-xellugija ta' Joseph Cini, detentur tal-karta tal-identita' numru 18570(M)."*

F'dan l-istadju jehtieg izda li ssir referenza ghal dak li l-Qorti trid izzomm f'mohha meta jinstabu impronti digitali fuq xi xena ta' delitt.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Romeo Bone**[13] tinstab rassenja ta' gurisprudenza dwar impronti digitali :

"Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju

---

[11] Ref Il-Pulizija vs Jeremy Farrugia sentenza datata 23 ta' Mejju 2001.

[12] Dok JM4 a fol 340 tal-process

[13] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fis-17 ta' Mejju 2016

1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

*Fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal- Magistrati fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs. Victor Gatt****, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.*

*Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet* ***Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri*** *gie deciz li:*

"f'dak il-kaz il-prova tal-*fingerprints* kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-*fingerprints* wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (*vide* Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:

*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[14]**.** F'din is-sentenza l-Qorti rreferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja**[15] fejn inghad

[14] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza 15 ta' Mejju 2013

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."(Il-Pulizija vs Noel Frendo deciza 30 ta' Novembru 2004 – Appelli Kriminali Inferjuri)".*

Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk:

*"Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f'dina is-serqa? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta'l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' tal-imputat."*

Illi m'hemm l-ebda spjegazzjoni ghalfejn l-imputat Cini kellu l-impronti digitali proprju fuq il-mejda fil-kcina tal-hanut misruq hlief jekk mhux ghaliex kien involut f'din is-serqa. Dan apparti l-fatt li wiccu jidher ukoll sew mil-filmat.

Irrizulta wkoll li bhala mezz ai fini tas-serqa li twettqet l-imputat kkommetta wkoll ir-reat ta' hsara volontarja billi tkissret il-hgiega tal-bieb tal-aluminium u twettqu hsarat ohra li saret referenza ghalihom aktar 'il fuq. Mix-xhieda ta' sid il-hanut irrizulta li l-hsara kienet tqarreb l-€1,000.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni fil-konfront ta' Joseph Anthony Cini wahdu</u>**

[15] Deciza 7 ta' Marzu 2002 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali

Illi jirrizulta mill-provi prodotti li fil-pussess tal-imputat Cini gew elevati diversi armi mir-residenza tieghu. Infatti mill-ircevuta ezebita[16] jirrizulta li instabulu s-segwenti: (i) airgun make Diana s/n 689118; (ii) shotgun pump action make L. Franchi s/n p 25847; (iii) one antique shotgun; (iv) one pistol model auto model 85 in box Kimar; (v) 4 boxes of ammunition with cartridges and seven cartridges; (vi) one bag with four knives.

Ps 928 Ramon Mifsud Grech xehed li dawn instabu wara tfittxija fir-residenza tal-imputat Cini u li b'referenza ghas-skieken dawn kienu skieken ornamentali.

**Wps 125 Christabelle Mallia** xehdet[17] li l-imputat Cini ghandu biss registrat fuq ismu shotgun Luigi Franchi bin-numru P25847.

Kwindi din l-imputazzjoni giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat**

**<u>Ir-Raba' u l-Hames Imputazzjonijiet fil-konfront ta' Alfred Mazzitelli wahdu</u>**

Illi Alfred Mazzitelli jinsab akkuzat b'komplicita' fis-serqa li twettqet fid-9 ta' April 2012 fit-termini tal-artikolu 42(d) u (e) tal-Kodici Kriminali.

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Philip Borg et**[18] d-dottrina u l-gurisprudenza in tema ta' komplicita hija ben stabbilita. Il-Professur Sir Anthony Mamo jghallem li:

> *A man may be held responsible for an offence, even though he may not have done the act which constitutes that offence, if he had done some other act which has helped towards the commission of the*

[16] Dok GS3 a fol 105 tal-process
[17] Seduta tat-12 ta' Jannar 2015
[18] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-24 ta' April 2017

*offence and had done the act in pursuance of a common design to commit that offence*[19].

Illi l-istess Qorti tal-Appell qalet li:

*Il-kompliċi huwa dak li għalkemm ma jipparteċipax materjalment fis-serqa, jagħmel xi ħaġa, bi ftehim magħhom, jiġifieri jkun hemm ftehim minn qabel magħhom, biex jgħinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, ....* ***L-importanti huwa naturalment li jkun hemm ftehim minn qabel****.*[20]

Illi fil-fatt il-Professur Mamo jghallem ukoll li:

*A merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence.*[21]"

Illi dwar il-prova necessarja biex tirrizulta imputazzjoni ta' komplicita f'reat imwettaq minn persuna ohra ghalhekk irid jirrizulta sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni ... li l-imputat (i) kien jaf li l-awtur kien ser iwettaq id-delitt u (ii) li hu deliberatament ghenu biex hekk iwettaq id-delitt billi ghamel xi haga li tinkwadra f'wiehed mill-paragrafi (a) sa (e) tal-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Is-semplici fatt li l-imputat mar ma' l-awtur, u anke kien fuq il-post waqt li dan wettaq id-delitt in kwistjoni, ma jfissirx necessarjament li hu kien jaf x'kellu f'mohhu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali pero iccarat li:

[19] Notes on Criminal Law Vol I pagna 124.
[20] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Martin Dimech deciza 29.09.2004; is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[21] Op cit pagna 125.

*Huwa veru li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita` f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrisulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt*[22].

Mill-provi prodotti rrizulta li l-imputat kien jahdem fir-restaurant li nsteraq. L-imputat jammetti li huwa kien ilu jaf lil Joseph Anthony Cini ghal snin shah pero' qatt ma kienu xi hbieb kbar. L-imputat Mazzitelli jixhed li huwa kien interessat jiftah negozju simili u kien tkellem ma' Cini f'dan is-sens izda jghid li ma tahx informazzjoni li kien hemm il-flus fis-safe. Ma jirrizulta minn imkien mill-provi prodotti li l-imputat Mazzitelli kien jaf bl-intenzjoni tal-imputat li kien fi hsiebu li jwettaq is-serqa minn-hanut minn fejn kien jahdem. Lanqas ma jirrizulta li sar xi diskors min-naha tieghu dwar xi informazzjoni fuq l-ammonti ta' flus li kienu qed jinzammu fil-fond. D'altronde' irrizulta li s-safe kien vizibbli fejn kien u li l-imputat Mazzitelli kellu c-cwievet tal-hanut meta irrizulta li s-serqa twettqet bi sgass. Ukoll l-imputat Alfred Mazzitelli kien ben konxju li kien hemm ic-CCTV fil-fond u l-imputat Cini huwa ferm vizibbli u rikonoxxibbli mill-istess filmat. Il-Qorti tifhem li f'kaz li kien hemm xi tip ta' ftehim mal-imputat l-iehor dwar is-serqa kien mill-ewwel jinfurmah bic-CCTV jew almenu jiehu xi azzjoni biex il-wicc ma jkunx rikonoxxibbli facilment. Huwa minnu li meta ra l-filmat is-sur Mazzitelli qal li ma kien jaf lill-hadd mill-persuni li dehru fil-filmat. Certament dan kien ta' tfixkil ukoll ghall-investigazzjoni u m'agixxix kif kellu jagixxi cittadin ta' kuxjenza u impjegat ta' kuxjenza izda min—naha l-ohra dan in-nuqqas tieghu lanqas m'ghandu jfisser li huwa kien komplici tas-serqa.

Konsegwentement il-hames imputazzjoni ma tirrizultax lanqas ippruvata billi din hija konsegwenzjali ghal-sejbien ta' htija fir-raba' imputazzjoni.

## <u>L-Addebitu tar-Recediva fil-konfront ta' Joseph Anthony Cini</u>

[22] Ref Il-Pulizija vs Carmelo Agius deciza 24.02.2002.

Inkwantu ghal Joseph Anthony Cini ma giet prezentata ebda sentenza li setghet inghatat fil-konfront tieghu u ghaldaqstant huwa ma jistax jinstab hati ta' tali addebitu billi ma giex ippruvat.

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat Cini, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Joseph Anthony Cini huwa ma nstabx hati li huwa recediv u harsa lejn il-fedina penali tieghu ghalkemm kien instab hati li kkommetta reati jirrizulta li l-istess kellu anki vizzju tad-droga. Fic-cirkostanzi tqis li ghandha timponi piena ta' prigunerija li ghandha tigi sospiza u se tpoggih taht ordni ta' supervizjoni.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat **Alfred Mazzitelli** hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

Inkwantu ghall-imputat **Joseph Anthony Cini** wara li rat l-artikoli 17, 31, 261(b)(c), 263(a), 267, 278(2), 279(b), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 5(1) u 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, hlief ghall-addebitu tar-recediva li minnha qieghed jigi liberat, u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Inoltre' b'applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna l-hrug ta' ordni ta' supervizjoni fil-konfront tal-hati ghal zmien sentejn (2) millum.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil Joseph Anthony Cini mill jhallas l-ammont ta' €619.77 rapprezentanti spejjez tal-esperti nominati[23].

Inoltre' l-Qorti tordna l-konfiska tal-armi li nstabu fil-pussess ta' Joseph Anthony Cini.

**Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.**

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**

[23] Il- hati qieghed jigi ordnat ihallas terz tad-dritt ta' kull espert